2024/248

17.1.2024

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/248

**tas-16 ta' Jannar 2024**

**li jemenda l-Anness II tad-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-idrossidu tal-ħadid adipat tartrat użat fil-manifattura tas-supplimenti tal-ikel**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2002 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar is-supplimenti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(5) tagħha,

Billi:

(1) L-Annessi I u II tad-Direttiva 2002/46/KE jistabbilixxu l-lista ta' vitamini u s-sustanzi minerali, u għal kull wieħed minnhom il-forom li jistgħu jintużaw fil-manifattura tas-supplimenti tal-ikel.

(2) Skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2002/46/KE, wara li ssir konsultazzjoni mal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità"), għandhom jiġu adottati dispożizzjonijiet dwar il-vitamini u s-sustanzi minerali fis-supplimenti tal-ikel li jista' jkollhom effett fuq is-saħħa pubblika.

(3) Wara talba mill-Kummissjoni Ewropea biex tagħti opinjoni dwar l-idrossidu tal-ħadid adipat tartrat bħala ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) u bħala sors tal-ħadid fil-kuntest tad-Direttiva 2002/46/KE, fis-27 ta' Ottubru 2021 l-Awtorità adottat opinjoni xjentifika dwar il-kwistjoni ([3]).

(4) Minn dik l-opinjoni jirriżulta li l-idrossidu tal-ħadid adipat tartrat użat fis-supplimenti tal-ikel ma jqajjimx tħassib dwar is-sikurezza jekk jiġu rispettati ċerti kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1373 ([4]). Abbażi tal-opinjoni favorevoli tal-Awtorità u tal-awtorizzazzjoni bħala ingredjent ġdid tal-ikel kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1373, jenħtieġ li l-idrossidu tal-ħadid adipat tartrat jiddaħħal fil-lista stabbilita fl-Anness II tad-Direttiva 2002/46/KE sabiex ikun permess l-użu tiegħu bħala sors tal-ħadid fis-supplimenti tal-ikel.

(5) Għalhekk jenħtieġ li d-Direttiva 2002/46/KE tiġi emendata skont dan.

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness II tad-Direttiva 2002/46/KE huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 183, 12.7.2002, p. 51.
([2]) Ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001 (ĠU L 327, 11.12.2015, p. 1).
([3]) Bord tal-EFSA dwar l-NDA. Safety of iron hydroxide adipate tartrate as a novel food pursuant to Regulation (UE) 2015/2283 and as a source of iron in the context of Directive 2002/46/KE, *EFSA Journal* 2021;19(12):6935.
([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1373 tal-5 ta' Awwissu 2022 li jawtorizza t-tqegħid fis-suq tal-idrossidu tal-ħadid adipat tartrat bħala ikel ġdid u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 (ĠU L 206, 8.8.2022, p. 28).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Jannar 2024.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

Fil-punt B tal-Anness II tad-Direttiva 2002/46/KE, tiddaħħal l-entrata li ġejja wara l-entrata "EDTA ferriku tas-sodju":

"idrossidu tal-ħadid adipat tartrat (nano) (*)

(*) Kif elenkat fil-lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 tal-20 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid (ĠU L 351, 30.12.2017, p. 72)."